# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022**

**Rikors Nru: 304/2022**

**Fl-atti tal-Kontro-mandat bin-numru 350/2022 wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 208/2022 maħruġ fl-ismijiet:**

***IAS Limited***

***vs.***

***Diane Elizabeth Vella***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar it-talbiet mressqa minn Diane Elizabeth Vella sabiex: (i) jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 208/2022 NC għaliex IAS Limited naqset milli tiftaħ il-kawża fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat; (ii) sabiex hija titħallas għad-danni li batiet minħabba l-ħruġ tal-mandat; u (iii) sabiex hija titħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>7 ta' April, 2022</u>**, Diane Elizabeth Vella fissret li hija ġiet milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 208/2022. Tgħid li minkejja li ġie maħruġ dan il-mandat, IAS Limited naqset milli tiftaħ kawża fi

żmien għoxrin jum mill-ħruġ tiegħu, hekk kif titlob il-liġi. Hija tisħaq li għalhekk il-mandat mitlub minn IAS Limited kien wieħed frivolu u vessatorju, jekk mhux ukoll inħareġ b'malizzja. Hija tispjega wkoll li minħabba l-mandat li nħareġ kontra tagħha hija ġarrbet id-danni u daħlet fi spejjeż legali fil-vojt biex tkun tista' tneħħi l-effetti tiegħu;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet Diane Elizabeth Vella talbet lil din il-qorti sabiex filwaqt li tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat:

> *«i. Tiddikjara li bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fuq talba ta' IAS Limited, l-esponenti sofriet danni inkluż l-ispejjeż legali kollha relatati mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u ċioè l-ispejjeż relatati mad-depożitu tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' €920.70 kif ukoll l-ispejjeż legali ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji inkorsi mill-esponent fl-ammont ta' €779.15;*
>
> *ii. Tordna lis-soċjetà IAS Limited tħallas lill-esponenti s-somom fuq imsemmija ta' €920.70 u €779.15 bl-imgħax;*
>
> *iii. Tikkundanna lis-soċjetà IAS Limited sabiex tħallas lill-esponent penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti.»*

4. B'digriet tagħha tal-**<u>21 ta' April, 2022</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil IAS Limited, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Diane Elizabeth Vella;

5. Ir-rikors ta' Diane Elizabeth Vella baqa' ma ġiex notifikat lil IAS Limited u għalhekk b'digriet mogħti fis-**<u>16 ta' Mejju, 2022</u>**, il-qorti, bit-tħaddim tal-**artikolu 173 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għat-13 ta' Ġunju, 2022;

6. Fis-seduta tat-**<u>13 ta' Ġunju, 2022</u>**, l-avukat Christopher Mizzi ta ruħu b'notifikat bir-rikors imressaq minn Diane Elizabeth Vella f'isem IAS Limited u rriżerva li jdaħħal risposta għal dan ir-rikors fit-terminu ta' sebat ijiem;

7. Imbagħad, fit-**<u>23 ta' Ġunju, 2022</u>**, IAS Limited ippreżentat risposta fejn hemm hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex ir-rikors ta' Diane Elizabeth Vella m'għandux jintlaqa';

***Fatti***

8. Fl-**<u>14 ta' Frar, 2022</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' IAS Limited biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Diane Elizabeth Vella fl-ammont ta' €60,000;

9. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont ġiet imfissra hekk: «*ammont dovut in segwitu għall-kuntratt t'appalt iffirmat bejn il-partijiet fuq dan il-mandat datat 19 ta' Mejju 2017 wara li qed jitnaqqas l-ammont li huwa diġà mħallas mis-sekwestrat u l-ispejjeż ta' xogħlijiet li għadhom mhux lesti mis-sekwestrant bħala appaltatur*»;

10. Fit-**<u>23 ta' Frar, 2022</u>**, Bank of Valletta p.l.c. ippreżentat ċedola ta' depożitu fl-ammont ta' €60,000;

11. IAS Limited baqgħet ma fetħitx kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fiż-żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-mandat, jiġifieri mill-14 ta' Frar, 2022, skont ma jgħid l-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Għalhekk fil-**<u>11 ta' Marzu, 2022</u>**, Diane Elizabeth Vella ressqet rikors sabiex jinħareġ il-kontro-mandat. Dan ir-rikors ġie milqugħ b'digriet mogħti fid-**<u>29 ta' Marzu, 2022</u>**, u b'hekk il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni ġie mneħħi;

13. Imbagħad fid-**<u>29 ta' April, 2022</u>**, Diane Elizabeth Vella ppreżentat ir-rikors li dwaru qiegħed jingħata d-digriet tal-lum;

14. B'nota mressqa minnha fit-**<u>2 ta' Mejju, 2022</u>**, Diane Elizabeth Vella għarrfet lill-qorti li hija kienet għadha kif intebħet li fid-29 ta' Marzu, 2022, il-qorti kienet

ordnat il-ħruġ tal-kontro-mandat u għalhekk hija ma kinitx sejra tinsisti aktar fuq it-talba tagħha għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

***Konsiderazzjonijiet***

15. Qabel tibda biex tistħarreġ it-talbiet magħmula fir-rikors ta' Diane Elizabeth Vella, il-qorti tinnota li t-tweġiba ta' IAS Limited ma ġietx ippreżentata fit-terminu ta' sebat ijiem mogħtija lilha waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2022. Fil-fatt, din ġiet ippreżentata fit-23 ta' Ġunju, 2022, jiġifieri tlett ijiem wara li għalqilha t-terminu li ġie mogħti lilha;

16. Il-qorti tqis li t-terminu mogħti lis-sekwestrant biex iwieġeb għal rikors imressaq mis-sekwestrat biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa wieħed li joħroġ mill-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Skont dan l-artikolu, min jiġi notifikat b'rikors skont l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, għajr għal rikors skont il-**paragrafu (a)** tiegħu, jista' jwieġeb għalih b'nota li għandha ssir fi żmien sebat ijiem min-notifika tar-rikors;

17. Dan it-terminu huwa wieħed perentorju li jfisser li huwa żmien li ma jistax jiġi mġedded lanqas mill-qorti għaliex huwa terminu li huwa impost bil-liġi. Dwar dan l-aspett, ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019,

> *«Li termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku (App. Inf. PS 6.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet **Kenneth Abela vs Aplan Limited et**), u jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal (App. Inf. PS 12.12.2007 fil-kawża fl-ismijiet **Salina Wharf Marketing Ltd vs Malta Tourism Authority** u App. Inf. PS 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd**). Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jittawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (App. Inf. (RRB) 21.3.1997 filkawża fl-ismijiet **Giuseppe Caruana vs Charles Psaila** (mhix pubblikata)).»*

18. Darba li l-liġi timponi terminu għall-preżentata ta' att ġudizzjarju dak it-terminu huwa meqjus bħala wieħed ta' ordni pubbliku, li la jista' jiġi rinunzjat u wisq aktar imtawwal. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti)*** deċiża fl-24 ta' April, 2015, *«Hawn mhux qed nitkellmu fuq terminu ta' preskrizzjoni marbut ma' eżerċizzju ta' dritt, iżda ma' terminu marbut ma' eżerċizzju ta' rimedju konċess bil-liġi, u dak ir-rimedju jrid jiġi eżerċitat fi żmien li timponi l-liġi, u mhux meta jrid dak li jkun»*;

19. Għalhekk meta ma jiġix imħares terminu ffissat mil-liġi ma tistax issir is-sanatorja (ara ***Joseph Camilleri et v. Angelo Abela et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2007);

20. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, il-qorti tħoss li hija għandha idejha marbutin, b'dana li hija ma tistax, anke kieku trid, tieħu qies tat-tweġiba ta' IAS Limited, li ġiet ippreżentata wara t-terminu ta' sebat ijiem mogħti lilha bil-liġi biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar ir-rikors ta' Diane Elizabeth Vella. IAS Limited kien imissha ħadet ħsieb li twieġeb għal dan ir-rikors fit-terminu li tagħtiha l-liġi. Għalhekk, il-qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għan-nuqqas ta' ħarsien tat-terminu perentorju mogħti mil-liġi għat-tweġiba u b'hekk hija mhijiex sejra tqis is-sottomissjonijet imressqa minn IAS Limited fit-tweġiba tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2022;

21. Il-qorti għalhekk issa sejra tgħaddi biex tistħarreġ jekk it-talbiet magħmula minn Diane Elizabeth Vella fir-rikors tagħha tas-7 ta' April, 2022 humiex ġustifikati;

22. Skont il-liġi tagħna, mandat jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Fil-każ tagħna, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni diġà ġie mħassar b'digriet mogħti fid-29 ta' Marzu, 2022 u għalhekk din il-qorti sejra tastjeni milli tqis it-talba ta' Diane Elizabeth Vella biex jitħassar il-mandat;

24. Fir-rikors tagħha, Diane Elizabeth Vella tilmenta li hija sofriet danni, fosthom l-ispejjeż legali ta' €779.15 relatati mat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u l-ispejjeż ta' €920.70 relatati maċ-ċedola ta' depożitu li ġiet ippreżentata minn Bank of Valletta p.l.c. Għalhekk hija qiegħda titlob li IAS Limited tiġi ordnata tħallasha dawn l-ammonti;

25. Fil-fehma tal-qorti talba bħal din ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju. Kif tajjeb ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001,

> *«ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni (illum rikors maħluf)»*;

26. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

> *«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll ***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

27. Illi għalhekk, il-qorti ssib li t-talba għall-ħlas ta' danni taħt l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tistax tintlaqa' għaliex din saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

28. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ it-talba ta' Diane Elizabeth Vella biex IAS Limited tiġi kkundannata tħallas penali skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

29. Ir-raġuni ewlenija imsemmija minn Diane Elizabeth Vella għaliex IAS Limited għandha tiġi kkundannata tħallas penali hija għaliex din tal-aħħar ma fetħitx kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi (ara l-**artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Skont l-**artikolu 843(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, IAS Limited kellha tiftaħ il-kawża fi żmien għoxrin jum minn meta nħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fl-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mhuwiex wieħed perentorju għaliex skont l-**artikolu 844 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** dan iż-żmien jista' jittawwal bi qbil mal-parti li kontra tagħha jkun ġie esegwit il-mandat. Dan il-qbil però biex ikun jiswa jrid jiġi muri permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru. Fil-każ tagħna, ma ġiet ippreżentata l-ebda nota biex jittawwal iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fil-liġi;

30. Fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001, intqal hekk dwar din il-kawżali:

> *«Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u* ***fis-sub-inċiż 8(a) tal-artikolu 836*** *rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raġuni li minħabba fiha jkun avvera ruħu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u mingħajr il-ħtieġa li jiġi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-ħsieb li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirriżulta»*;

31. Fl-istess deċiżjoni kompla jingħad li penali ta' din ix-xorta hi imposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex tiżgura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jdejjaq jew iweġġa' lill-allegat debitur;

32. Ta' min jgħid li għalkemm din id-deċiżjoni ta' ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** ingħatat aktar minn għaxar snin ilu, madankollu l-imsemmija deċiżjoni baqgħet tiġi mtennija anke fiż-żminijiet tal-lum. Ara pereżempju d-digriet mogħti

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet ***Antoine Portelli et v. Graham Testa***;

33. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-prinċipji misluta mill-ġurisprudenza, il-qorti ssib li IAS Limited tabilħaqq ħaqqha teħel penali taħt l-**artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex hija la wriet li t-terminu għall-preżentata tal-kawża ġie mtawwal bi qbil bejn il-partijiet, permezz ta' nota magħmula skont l-**artikolu 844 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u lanqas ma provdiet raġuni tajba għaliex ma fetħitx il-kawża fi żmien għoxrin jum wara l-ħruġ tal-mandat;

34. Terġa' u tgħid, f'dan il-każ mhux talli ma jirriżultax li IAS Limited fetħet il-kawża wara t-terminu ta' għoxrin jum, talli saħansitra hija baqgħet sal-ġurnata tal-lum ma preżentatx kawża biex tiġbor mingħand Diane Elizabeth Vella l-ammont li fil-mandat ta' sekwestru hija allegat li huwa dovut lilha. Il-fatt li IAS Limited baqgħet ma fetħitx il-kawża wara li għaddew aktar minn erba' xhur minn meta IAS Limited ressqet it-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat, juri li hija ma mxietx b'rieda tajba meta hija ppreżentat il-mandat ta' sekwestru. Għalhekk, il-qorti qiegħda ssib li IAS Limited għandha teħel penali wkoll skont l-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li l-mandat ta' sekwestru sar bi ħżunija;

35. Kulma jibqa' huwa li jiġi determinat l-ammont ta' penali li IAS Limited għandha tħallas lil Diane Elizabeth Vella. Il-liġi tgħid fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li l-penali għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12;

36. Il-qorti tqis li f'dan il-każ IAS Limited ħaqqha teħel penali għal żewġ raġunijiet differenti: (i) għaliex ma ressqitx il-kawża fi żmien għoxrin jum kif trid il-liġi; u (ii) għaliex il-mandat ta' sekwestru sar minnha b'rieda ħażina għaliex ladarba ma saritx kawża, dan jagħti x'jifhem lill-qorti li IAS Limited mhux veru li kellha bżonn tikseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u għalhekk hija kisbitu biss biex iddejjaq u/jew tweġġa' lil Diane Elizabeth Vella . Minħabba f'hekk, il-qorti tqis li penali fl-ammont ta' **€3,000** għandha titqies bħala waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti waslet għal dan l-ammont wara li ħadet qies ukoll tad-digriet mogħti fl-10

ta' Ġunju, 2022 minn din il-qorti, b'Imħallef differenti, fil-każ ***IAS Limited v. Hilary Galea Lauri***, li kellu ċirkostanzi li jixxiebħu ħafna għall-każ tal-lum;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tal-20 ta' Mejju, 2022 billi:

i. **Tastjeni** milli tqis it-talba ta' Diane Elizabeth Vella biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 208/2022 NC għaliex dan diġà ġie mneħħi b'digriet mogħti fid-29 ta' Marzu, 2022;

ii. **Tastjeni** milli tqis it-talbiet ta' Diane Elizabeth Vella biex IAS Limited tħallasha għad-danni fl-ammonti ta' €920.70 u €779.15 għaliex dawn it-talbiet kellhom isiru b'kawża ordinarja mibdija b'rikors maħluf;

iii. **Tilqa'** t-talba ta' Diane Elizabeth Vella biex IAS Limited tħallasha penali u b'hekk tikkundanna lil IAS Limited tħallasha penali fis-somma ta' tlitt elef ewro (€3,000); u

iv. **Tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta mar-rikors imressaq minn Diane Elizabeth Vella jitħallsu kollha kemm huma minn IAS Limited.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josepine Musu**
**Deputat Reġistratur**